MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 110/2006

Ir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex)

Vs

Peter Paul Portelli u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2007 gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis* Joseph u Anna konjugi Portelli.

Il-Qorti,

**Proceduri ta' disprezz minhabba allegat ksur ta' digriet tal-Qorti li permezz tieghu gie ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta' Settembru 2006 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet li:

Permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru 57/2004 fl-ismijiet **Joseph u Anna konjugi Portelli vs Peter Paul**

**Portelli** prezentat fis-6 ta’ Ottubru 2004, ir-rikorrenti Joseph Portelli et talbu li l-konvenut jigi inibit milli jaghmel kwalunkwe xogholijiet jew iwahhal kwalsiasi strutturi li permezz taghhom jillimita u/jew jirristringi l-passagg maghzul li minnu jaccedi r-rikorrent bl-ingenji u z-ziemel ghar-raba’ tieghu fl-inhawi maghrufa bhala Ta’ Mghajsa, limiti tan-Nadur, Ghawdex.

B’digriet moghti fis-6 ta’ Ottubru 2004, il-Qorti laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

Permezz ta’ rikors prezentat fil-15 ta’ Ottubru 2004 ir-rikorrenti Joseph Portelli et gibdu l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li l-intimat baqa’ ghaddej bix-xogholijiet u sal-14 ta’ Ottubru 2004 kien dejjaq ghal kollox il-passagg li minnu kien ighaddi r-rikorrent b’tali mod li ma jistax ighaddi iktar biz-ziemel tieghu minn dan il-passagg.

B’digriet moghti fid-9 ta’ Dicembru 2004 il-Qorti laqghet it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni limitatament sa distanza ta’ metru mill-passagg kif jinsab fil-prezent.

L-istess rikorrenti regghu gibdu l-attenzjoni tal-Qorti, permezz ta’ rikors prezentat fil-15 ta’ Dicembru 2004, illi barra l-fatt illi l-konvenut odjern kien baqa’ ghaddej bix-xogholijiet u sal-14 ta’ Ottubru 2004 kien dejjaq ghal kollox il-passagg li minnu r-rikorrent kien jidhol ghar-raba’ tieghu bir-rizultat li ma setax ighaddi biz-ziemel, l-ghada stess li kien sar access mill-Qorti l-konvenut Peter Paul Portelli ghamel struttura bil-qasab biex jillimita l-passagg tar-rikorrenti bi ksur ghad-digriet provizorju moghti fis-6 ta’ Ottubru 2004.

B’digriet moghti fit-3 ta’ Mejju 2005, il-Qorti ordnat li jittiehdu proceduri ta’ disprezz kontra l-konvenut peress li minkejja d-digriet provizorju moghti fis-6 ta’ Ottubru 2004 u wara li sar access fuq il-post, il-konvenut ghamel xogholijiet li kienu jikkonsistu fil-bini ta’ struttura tal-qasab u billi haffer parti tal-art li r-rikorrent kien qieghed isostni li kienet il-moghdija ghar-raba’ tieghu.

Ghalhekk l-attrici talbet sabiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenut hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

2. Tikkundanna lill-konvenut ghal xi wahda mis-sanzjonijiet kontemplati fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament, l-Artiklu 997 tal-Kap. 12.

3. Tordnah lill-konvenut inehhi kwalunkwe inkonvenjent li jirrizula li ghadu ma tnehhix u li sar in kontravenzjoni tad-digriet imsemmi tal-istess Qorti.

Permezz ta' risposta prezentata fl-20 ta' Novembru 2006 (fol. 6), il-konvenut eccepixxa li:-

1. Huwa ma kien hati ta' ebda agir dispregattiv lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti bix-xogholijiet li lehaq wettaq fir-raba' tiegu Ta' Mghajsa, limiti tan-Nadur, Ghawdex; u jekk involontarjament huwa kiser xi ordni tal-Qorti huwa kien pront nehha l-istrutturi kollha illi kien lahaq ghamel fil-proprjeta' tieghu appena inghatat l-ordni relattiva mill-Qorti.

2. Ir-raba' tal-konvenut mhi soggetta ghall-ebda dritt ta' passagg favur ir-raba' ta' Joseph Portelli, u l-gandott li hemm fuq in-naha tal-lvant mhu xejn ghajr gandott li minnu jghaddi l-ilma tax-xita li jaqa' fl-inhawi. Dan qatt ma kien, u qatt ma jista' jservi ta' passagg ghan-nies tant li kif ammetta l-istess Joseph Portelli sabiex il-Qorti setghet tghaddi minn dan il-gandott dakinhar tal-access stess, Joseph Portelli kien qabad hafna hamrija u mela parti mill-gandott biha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza u dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 57/2004 fl-ismijiet Joseph Portelli et vs Peter Paul Portelli et.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti rilevanti ghal dan il-kaz huma s-segwenti:-

(a) Fis-6 ta’ Ottubru 2004 Joseph u Anna konjugi Portelli pprezentaw rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni (numru 57/2004) kontra l-konvenut. It-talba kienet sabiex l-intimat jigi inibit milli jaghmel *“…..kwalunkwe xogholijiet jew twahhal kwalsiasi strutturi li permezz taghhom* ***tillimita u/jew tirrestringi l-passagg maghzul*** *li minnu jaccedi r-rikorrenti bl-ingenji u z-ziemel ghar-raba’ tieghu fl-inhawi maghrufa bhala Ta’ Mghajsa, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex”* (sottolinejar tal-Qorti).
(b) B’digriet moghti fis-6 ta’ Ottubru 2004 il-Qorti laqghet provizorjament it-talba tal-konjugi Portelli.
(c) Fil-15 ta’ Ottubru 2004 ir-rikorrent ipprezenta rikors (fol. 7) fejn ippremetta li *“… sa l-14 ta’ Ottubru 2004 huwa (Peter Paul Portelli) lahaq dejjaq ghal kollox il-passagg li minnu r-rikorrenti jaccedi ghar-raba’ tieghu”* u talab sabiex jittiehdu provvedimenti. B’digriet moghti fit-18 ta’Ottubru 2004 il-Qorti ordnat lill-Marixxall sabiex *“minnufih, bl-assistenza tal-pulizija iwaqqfu lill-intimat min kwalunkwe xoghol li dan jista qed jaghmel fuq il-passagg in kwistjoni, tirrizerva li tipprovdi fuq it-talbiet l-ohra wara li jkun inzamm l-access li gie ffissat ghal nhar il-Hamis 28 ta’ Ottubru 2004”* (fol. 9). Mill-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni jirrizulta li l-access sar fit-18 ta’ Novembru 2004.
(d) Fid-9 ta’ Dicembru 2004 (fol. 15) il-Qorti tat digriet finali li permezz tieghu laqghet it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat Peter Paul Portelli ***“sabiex dan jinzamm milli jaghmel il-hwejjeg indikati fir-rikors, pero limitatament sa distanza ta’ metru mill-passagg kif jinsab fil-prezent”*** (sottolinejar tal-Qorti). Dan id-digriet gie notifikat lill-konvenut Peter Paul Portelli fis-17 ta’ Dicembru 2004.
(e) Fil-15 ta’ Dicembru 2004 il-konjugi Portelli regghu pprezentaw rikors fejn ippremettew li ***“l-ghada stess li***

***sar l-access** minn din il-Qorti fuq il-post mertu tal-mandat, igifieri fid-19 ta' Novembru, 2004, l-intimat ghamel struttura bil-qannic bi ksur ta' dan il-mandat sabiex iktar jillimita l-passagg tar-rikorrenti"* (fol. 16) u regghu talbu l-intervent tal-Qorti. Min-naha tieghu l-intimat (li fit-23 ta' Dicembru 2004 gie notifikat bir-rikors) wiegeb permezz ta' risposta prezentata fil-11 ta' Jannar 2005 (fol. 19) fejn spjega li l-istruttura tal-qannic hi biss struttura temporanja li saret wara l-access li ghamlet il-Qorti sabiex jigu protetti s-sigar tal-lumi mix-xitwa, kif ukoll *"Illi barra minn hekk waqt l-access l-esponenti kien anki gharraf lill-parti l-ohra u lill-Qorti bl-intenzjoni tieghu li jaghmel din l-istruttura ta' qannic, u ma jidhirx illi dakinhar tqajmet xi opposizzjoni da parti tal-parti l-ohra ghall dan il-qannic"*.

(f) Il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smiegh u wara li tressqu l-provi b'digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2005 ordnat lill-attrici sabiex tibda proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra l-intimat Peter Paul Portelli u ordnat lill-intimat sabiex inehhi l-istruttura tal-qasab li kien ghamel u jirtiraha *"…sa mhux inqas minn metru 'l gewwa fir-raba' tieghu u dana kif ordnat fid-digriet taghha tad-9 ta' Dicembru 2004, kif ukoll li jerga' jaghmel il-moghdija accessibbli kif kienet dakinhar li sar l-access mill-Qorti"*. Digriet li fil-fehma hu car bizzejjed sabiex il-konvenut ikun jaf x'seta' u ma setax jaghmel. Mill-atti tal-inibizzjoni jirrizulta li fl-20 ta' Lulju 2006 gie prezentat rikors iehor mill-konjugi Portelli fejn regghu allegaw li l-konvenut kiser l-ordni tal-Qorti, u qieghed jintalab sabiex jittiehdu l-provvedimenti opportuni. Jirrizulta li dan ir-rikors ghadu pendenti tant li hu differit ghas-seduta tat-30 ta' Jannar 1998.

2. Ghal finijiet ta' din il-kawza, il-vertenza hi dwar allegat ksur tal-ordni moghtija mill-Qorti bid-digriet tas-6 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu it-talba tar-rikorrenti konjugi Portelli giet provizorjament milqugha. L-ilmenti min-naha tar-rikorrenti kienu li wara d-digriet moghti fis-6 ta' Ottubru 2004, il-konvenut:-

(a) Dejjaq il-passagg billi pogga gebel gdid fil-passagg in kwistjoni u haffer gandott fil-passagg. Dan ta'

l-ahhar wara l-access li sar mill-Qorti fid-19 ta' Novembru 2004.

(b) L-ghada tal-access li sar mill-Qorti fid-19 ta' Novembru 2004, pogga struttura bil-qasab mal-gemb tal-passagg b'mod li llimita u rrestringa dik li Joseph Portelli qieghed isejjah passagg.

3. Il-Qorti thoss li ghandha fl-ewwel lok tirrileva li dawn il-proceduri bdew fit-22 ta' Settembru 2006 meta d-digriet tal-Qorti sabiex jinbdew proceduri ta' disprezz fit-3 ta' Mejju 2005. Il-Qorti ma tifhimx x'inhi r-raguni ghalfejn l-attrici damet dan iz-zmien kollu sabiex intavolat dawn il-proceduri meta wiehed iqies li kien hemm l-ordni tal-Qorti u dawn il-kawzi m'ghandhomx jithallew dawn iz-zmien kollu biex jingiebu quddiem Qorti. Tittama li fil-futur kawzi ta' din ix-xorta isiru minghajr dewmien wara li jkun inghata digriet mill-Qorti sabiex jinbeda procediment ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

4. Hu maghruf li:-

- *"Illi l-interess socjali w l-buon ordni pubbliku jezigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet*" (Vol. XXIX.ii.1023).
- *"Min jikser obbligu lilu impost tal-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-awtorita' tal-Qort. Xejn ma jiswa li l-motiv li jkun giaghlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpatizza mieghu minghajr ma jigi mehud in konsiderazzjoni l-punt legali; ghax mill-punto di vista guridiku dak il-motiv ma hu ta' l-ebda valur"* (Vol. XXV.iii.910).
- *"Illi fil-kaz ta' allegat ksur ta' ordni moghti fil-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, wiehed isib dispozizzjoni espresso tal-ligi li tghid x'ghamla ta' sanzjoni jwassal mieghu l-ksur ta' ordni bhal dik. Izda dik is-sanzjoni taghti rimedju lill-parti li favur taghha jkun inhareg il-Mandat, u ghalhekk kull allegat ksur ta' dik l-ordni taghti*

*lok ukoll ghat-tmexxija 'l quddiem ta' proceduri kif mahsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12. Min-naha l-ohra, mal-medda tas-snin il-Qrati taghna stabilew minghajr tlaqlieq ta' xejn li min jinsab hati ta' ksur ta' ordni ta' Qorti moghti f'mandat ta' inibizzjoni jsir hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha ukoll jekk ikun hekk agixxa ghal raguni li wiehed jista' jissimpatizza maghha jew fuq il-fehma li kellu xi jedd jagixxi kif agixxa"* (**Registratur tal-Qrati Superjuri vs Adrian Grima proprio et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003).

- *"l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill- Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq minn jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Il-parti leza hi allura l-Qorti u mhux xi wiehed jew wahda mill-kontendenti"* (**Avukat Irene Bonello vs Onor. Prim. Ministru et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1997).

5. Fir-rigward tal-qannic, il-konvenut ighid li dakinhar tal-access (19 ta' Novembru 2004) fehem li kellu l-awtorizazzjoni li seta' jaghmlu. Il-Qorti tistqarr li mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni minn imkien ma jirrizulta li waqt l-access inghatat xi awtorita' simili lill-konvenut Peter Paul Portelli. Inghataw verzjonijiet divergenti (ara per ezempju xhieda ta' Joseph Portelli u Dr. Georgine Grech u min-naha l-ohra dik tal-konvenut u Dr. Carmelo Galea). Il-Qorti temmen li ghandha tipprocedi fuq dak li jirrizulta mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 57/2004. Il-Qorti tifhem ukoll li kieku sar xi kliem f'dan ir-rigward, Joseph Portelli kien ser joggezzjona a *tempo vergine* li dan il-qasab isir biss pied il-gewwa fir-raba' tal-konvenut (kif jidher fir-ritratt a fol. 30[1]) u dan minhabba il-wisa' ridotta biex Joseph Portelli jkun jista' ighaddi kif kien jaghmel qabel. Tant hu hekk li dan il-fattur ittiehed ukoll in konsiderazzjoni mill-Qorti fid-digriet finali li tat fid-9 ta' Dicembru 2004 (fol. 15[2]) meta ordnat lill-konvenut sabiex ma jaghmel xejn *"….sa*

[1] Atti tal-mandat ta' inibizzjoni 57/2004.
[2] Atti tal-mandat ta' inibizzjoni 57/2004.

*distanza ta' metru mill-passagg kif jinsab fil-prezent"*. Rilevanti wkoll hu l-fatt li f'risposta li pprezenta l-konvenut fil-11 ta' Jannar 2005 wara rikors li pprezenta Joseph Portelli sabiex igib a konjizzjoni tal-Qorti li saret din l-istruttura tal-qasab li kienet qeghda tirristringi l-passagg tieghu, il-konvenut iddikjara li *"…waqt l-access l-esponenti kien anki gharraf lill-parti l-ohra u lill-Qorti bl-intenzjoni tieghu li jaghmel din l-istruttura ta' qannic, u ma jidhirx illi dakinhar tqajmet xi opposizzjoni da part ital-parti l-ohra ghall dan il-qannic"*. Verzjoni li tvarja minn dik li ta l-konvenut meta xehed in kontro-ezami (fol. 185[3]): *"Xhin inzilna hemm isfel, l-avukat tieghi qal lil Magistrat, "Jista' jaghmel qannic ?" qallu "iva", u jien l-ghada bdejtu ghax hemm hekk insomma…. Diga' … imwahhlin. Jien ma ghamilt xejn kontra l-ligi, bnejtu l-qannic, go hwejgi…"*. Inoltre f'din il-kawza waqt il-kontro-ezami (seduta tat-2 ta' Ottubru 2007) xehed: *"Ahna konna tkellimna fis-sens u* ***ftehemna*** *waqt l-access illi jiena l-qannic li kelli naghmel nghamlu pied il-gewwa"* (sottolinejar tal-Qorti). Verzjonijiet li jvarjaw minn xulxin. Dawn ic-cirkostanzi jwasslu sabiex il-Qorti tasal biex tabbracja t-tezi li effettivament il-konvenut ma kienx gie awtorizzat li jqiegħed l-istruttura tal-qasab f'distanza ta' pied il-gewwa fir-raba' tieghu mill-linja divizorja li taqsam il-passagg (jew wied kif isejjahlu l-kkonvenut) mir-raba tieghu.

6. Sahansitra, rajna kif fis-17 ta' Dicembru 2004 il-konvenut kien gie notifikat bid-digriet moghti mill-Qorti fid-9 ta' Dicembru 2004 minn fejn jirrizulta inekwivokabilment li l-konvenut gie inibit milli b'xi mod jirristringi l-passagg *"limitatament* ***sa distanza ta' metru mill-passagg kif jinsab fil-prezent****"* (sottolinejar tal-Qorti). Il-Qorti hi tal-fehma li d-dicitura tad-digriet finali kien car u ma kienx hemm lok li jinholoq xi dubju f'mohh il-konvenut u l-avukat ta' fiducja tieghu. Wiehed ghandu jifhem li kieku kif qieghed ighid il-konvenut kien hemm xi qbil li l-istruttura tal-qasab issir fejn tidher li saret fir-ritratt a fol. 30, il-Qorti ma kienitx ser timponi dik id-distanza fid-digriet tad-9 ta' Dicembru 2004. M'hemmx kontestazzjoni li din l-istruttura

[3] Atti tal-mandat ta' inibizzjoni 57/2004.

tal-qasab kienet diga' saret meta l-konvenut Portelli gie notifikat b'dan id-digriet. Madankollu wara li r-rikorrent Joseph Portelli gab dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti (rikors prezentat fil-15 ta' Dicembru 2004 – fol. 18) u l-istess gie notifikat lill-konvenut, minflok qabad u nehhiha baqa' jinsisti li ghandu jibqa' hemm u li meta ssemmiet waqt l-access Joseph Portelli ma kienx oggezzjona (ara risposta prezentata fil-11 ta' Jannar 2005 – fol. 19). Atteggjament li fil-fehma ta' din il-Qorti juri sens ta' sfida ghad-digriet moghti mill-Qorti fid-9 ta' Dicembru 2004 in kwantu dan ma jhalli l-ebda dubju li fid-distanza ndikata fl-istess digriet ma kellu jsir xejn li b'xi mod jostakola jew jirristringi l-passagg.

7. Ilment iehor hu li l-konvenut Peter Paul Portelli haffer gandott fil-passagg. Meta wiehed jaghmel paragun bejn ir-ritratt JP5 (fol. 32)[4] u dak li kien esebixxa precedentement Joseph Portelli fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni (fol. 13), facilment jikkonferma kemm hu minnu li sar xi thaffir f'dik il-parti li Joseph Portelli jikkontendi li hi moghdija. Il-konvenut Portelli qieghed isostni li dak il-gandott qieghed hemm peress li dak li huh qieghed isejjah moghdija mhu xejn ghajr wied minn fejn ighaddi l-ilma, u gie ffurmat b'mod naturali. Il-Qort mhi sodisfatta xejn minn din l-ispjegazzjoni. Min-naha l-ohra Anna Portelli (mart Joseph Portelli) ikkonfermat li wara l-access li sar mill-Qorti kienet rat lill-konvenut Portelli jaghmel dan il-gandott bil-fies. Hemm ukoll ix-xhieda ta' Dr. Georgine Grech (seduta tat-2 ta' Ottubru 2007) li qalet li, *"Nikkonferma li fir-ritratt a fol. 14 ta' l-atti tal-mandat, l-art fuq in-naha tal-lemin inti u thares lejn ir-ritratt ma kinitx daqstant catta. Lanqas ma kienet pero' imhaffra daqs kif tidher fir-ritratti ta' wara"*[5].

8. Ilment iehor li ressaq Joseph Portelli fir-rikors li kien ghamel hu li wara li l-Qorti provizorjament laqghet it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (6 ta' Ottubru 2004) il-

[4] Prezentat minn Joseph Portelli mal-affidavit tieghu a fol. 25 tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni.
[5] Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007.

konvenut pogga gebel gdid mal-gemb tal-pasagg b'mod li dan djieq[6]. Hawn ukoll ghandna verzjonijiet konfliggenti bejn il-partijiet. Mehud in konsiderazzjoni li dawn il-proceduri huma ta' natura penali, il-Qorti ser taghti l-beneficcju tad-dubju lill-konvenut Peter Paul Portelli.

9. Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni din hi ghal kollox infondata in kwantu f'din il-kawza li jinteressana hu biss jekk il-konvenut kisirx l-ordni moghtija mill-Qorti. Il-kwistjoni jekk il-konjugi Portelli jgawdux dritt ta' passagg m'hijiex meritu ta' din il-kawza. Il-procedura ta' disprezz hi ntiza biex tizgura li jigu mharsa l-ordnijiet tal-Qorti u muri rispett lejn l-awtorita' ta' l-istess Qorti.

10. Ghal dak li jirrigwarda t-tielet talba ta' l-attrici din ser tigi michuda in kwantu mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni diga' jirrizulta li b'digriet moghti:-

(a) Fit-3 ta' Mejju 2005, il-parti leza kienet giet awtorizzata taghmel ix-xogholijiet hi ghas-spejjez tal-konvenut Portelli; u
(b) Fis-26 ta' Awissu 2005 gie ddikjarat li l-Qorti kienet sodisfatta li l-intimat Peter Paul Portelli kien ikkonforma ruhu ma' l-ordnijiet moghtija fid-digrieti precedenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet:-

1. Issib lill-konvenut Peter Paul Portelli hati ta' disprezz fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) u tikkundannah ihallas multa ta' mitt lira lira Maltija (Lm100), liema ammont ghandu jithallas fi zmien sebat (7) ijiem mil-lum fir-Registru tal-Qorti.
2. Tichad it-tielet (3) talba ghar-raguni fuq moghtija.

---

[6] Ara ritratt a fol. 14 tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 57/2004.

Spejjez a karigu tal-konvenut (mhux inkluzi dawk tal-intervenuti fil-kawza li ghandhom jibqghu a karigu taghhom), b'dan li l-ispejjez tat-tielet talba ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------